## IS-SETTE GIUGNO:

# Katalista ta' konverġenzi

**Prof. Henry Frendo**

Meta intervistatni għall-programm televiżiv 'Meander', Mariella Pisani Bencini staqsietni x'kien is-sinifikat storiku tas-Sette Giugno.

Din mistoqsija sempliċi li tidher faċli imma mhijiex.

Għax is-Sette Giugno ma kienx sempliċi ġurnata li fiha naqtlu tliet persuni. Kien u hu avveniment storiku pjuttost uniku fi ġrajjietna li jkopri diversi fatturi, kawżi u riperkussjonijiet.

Qabel xejn wieħed irid jarah fil-kuntest tal-Gwerra l-Kbira – gwerra li ħarbtet id-dinja, speċjalment l-Ewropa, bejn l-1914 u l-1918. Gwerra li suppost kellha ttemm il-gwerer, u ddum ftit. Malta spiċċat sptar idewwi għexieren ta' eluf ta' feruti minn Gallipoli u Salonika fid-Dardanelli, iżda gwerra maġġuri bħal dik rat forom u metodi ta' kumbattimenti ġodda li rrendewha waħda kiefra f'ħafna sensi – il-ġlied fit-trunċieri; it-tankijiet; il-gass velenus; il-U Boats. Malta ġiet skansata mill-attakki mill-ajru iżda ntlaqtet mill-interruzzjonijet fil-komunikazzjonijiet bil-baħar; mill-għoli tal-ħajja, l-iskarsezzu u l-black market; mill-inċertezzi u, fi tmiemha, mis-sensji u ġirja għall-emigrazzjoni.



**Pittura ta' Ġanni Vella meta qatlu wieħed mill-feruti fil-kamra fejn kienet qed tiltaqa' l-Assemblea (Ħajr għar-ritratti: Max Farrugia)**

### Kien ilu jiġma'.

Apparti li Malta kienet ilha bla kostituzzjoni sura sa mill-1903, diġà fl-1917 kellek l-istrajk fit-tarzna għal 'war bonus' u fl-istess ħin il-qorti marzjali tal-kap Nazzjonalista Nerik Mizzi, li ntefa' l-ħabs fuq suppost żlealtà, filwaqt li Manwel Dimech kien tkeċċa minn pajjiżu fl-1914 ukoll fuq suppost żlealtà. Sadattant kellek ukoll kuxjentizzazzjoni dwar l-operat sindakali u t-twaqqif tal-ewwel unions, bħall-M.U.T. fl-1919 u l-'workers' union branches' fit-Tarzna. Is-salarji tal-għalliema, tal-pulizija u ta' l-impjegati talgvern kienu ġeneralment pessmi; bilkemm tgħix bihom;' filwaqt li kellek disparitajiet kbar bejn is-salarji ta' Ingliżi u Maltin.

Kellek ukoll it-tagħlim soċjali tal-Knisja permezz ta' enċiklika bħar-Rerum Novarum kontra l-kapitaliżmu u l-komuniżmu. L-ispirtu taż-żmien fl-imperi, ibda minn dak Ingliż, kien qiegħed iberraq bi tqanqil inkwiet li ma stajtx trażżnu bl-azzarini. Fl-istess sena tas-Sette Giugno kellek ribelljonijiet fl-Irlanda, fl-Eġittu, fl-India, fil-Palestina, anki fl-Italja u mkien ieħor.

Wara li kienu ġġieldu l-gwera fuq in-naħa tal-Alleati, bir-raġun kollu n-nies ippretendew rikompens b'titjib fil-qagħda soċjali u politika tagħhom u rispett akbar għad-drittijiet tagħhom. Anki l-istudenti kienu rrabjati u jiddimostraw fit-toroq.

### Assemblea Nazzjonali

Meta t-Tabib Filippo Sceberras sejjaħ assemblea nazzjonali preċiż wara l-gwerra biex tfassal kostituzzjoni rappreżentattiva, Malta kienet qiegħda tkun mikrokożmu ta' dak li kien għaddej imkien ieħor, fejn irrankat il-ġlieda għall-awtonomija.

Is-seduti tal-Assemblea fil-kwartieri ġenerali tal-Giovine Malta fil-Belt, l-ewwel fi Frar imbgħad f'Ġunju, servew bħala kalamita biex kull xorta ta' nies tidħol il-Belt b'solidarjetà u biex il-massa tipprotesta wkoll, u turi l-għadab tagħha għas-sitwazzjoni. Biss biss, il-prezz tal-ħobż kien ittrippla. Biex tkompli tagħqad, ir-reġim kolonjali beda jimponi taxxi ġodda, anki diretti, mentri l-istat kolonjali nnifsu kien fjakk u fuq sieq waħda, b'aġent gvernatur, aġent kap tal-Pulizija, aġent Prim Imħallef.

> Is-Sette Giugno ma kienx sempliċi ġurnata li fiha naqtlu tliet persuni. Kien u hu avveniment storiku pjuttost uniku fi ġrajjietna li jkopri diversi fatturi, kawżi u riperkussjonijiet.

L-iktar li qalgħuha kienu l-importaturi tal-qamħ – Cassar Torregiani, Farrugia, Francia – imma d-dizgwid kien ġenerali. Kategorji ta' nies kienu milqutin b'modi differenti fl-istess waqt. Għalhekk il-konverġenzi – soċjali, ekonomiċi, politiċi, kostituzzjonali, ta' klassi u oħra.

Waqt li kienet qegħda tiġi attakkata d-dar ta' Cassar Torregiani fi Strada Forni, suldati Ingliżi fetħu n-nar fuq il-folla u qatlu tnejn, parrukkier minn Tas-Sliema u Għawdxi mix-Xagħra li kien mar jirranġa ħalli jemigra lejn l-Amerka. Torregiani kien wieħed mill-importaturi l-kbar tal-qamħ. Ftit wara l-folla daħlet tfarrak fid-Daily Malta Chronicle, gazzetta imperjalista tal-familja Bartolo. Biex it-truppi tiegħu joħorġu bla ostaklu, l-uffiċjal Ingliż inkarigat ordna sparatura fuq in-nies u laqat u qatel Malti ieħor, li kien in-naħa l-oħra tat-triq fejn il-funtana ta' Pjazza San Ġorġ. Dan kien ħaddiem tat-tarzna mill-Birgu. Dawn ma kinux sparaturi fl-ajru.

Din l-imġiba military Ingliża ħasdet u kessħet lill-poplu kollu. Ġera d-demm. Kienet trawma li fi żmien l-Ingliżi qatt ma konna rajna bħalha qabel. Is-Sette Giugno, imxappap fid-demm, ħa xejra patrijottika nazzjonali.

X'aktarx li ħaffef l-għoti talgvern responabbli fl-1921. L-Ingliżi kellhom dilemma: kienu se jkomplu jantagonizzaw poplu f'fortizza, jew kienu se jilqgħu t-talbiet tal-Maltin billi jċedu r-responabbiltà għat-tmexxija fl-affarijiet lokali?

Madankollu bosta middimostranti Maltin intbagħtu l-ħabs, uħud minnhom għal snin, mentri min spara u qatel ma ġralu xejn. Veru li kien hemm is-sakkeġġ speċjalment fit-8 ta' Ġunju, meta nqatel Malti ieħor, din id-darba bil-bajunetta. Imma kollox ma' kollox is-Sette Giugno feġġ dawl fuq qagħda mill-iżjed imwiegħra.

Wera li Malta ma kinetx bastiment imma nazzjon, b'demm ibaqbaq fil-vini. Serva ta' katalista għal bidu ġdid. Kien ġenesi ta' nazzjonaliżmu. Għalhekk baqa' jiġi mfakkar.